**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 185/06VG**

**Mira Motor Sales Limited**

**Vs**

**Joseph u Maria Theresa konjugi Zarb**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Mira Motor Sales Limited fis-27 ta' Gunju 2006 permezz ta' liema titlob li Joseph u Maria Theresa konjugi Zarb jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' elfejn Lira Maltija (Lm2,000), illum ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75), rapprezentanti bilanc dovut ghall-bejgh ta' Ghabbour Coach Chassis Nru. 1825471, liema ammont ma kienx gie mhallas pendenti r-risoluzzjoni tal-kawza "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited" (1941/1997), deciza finalment fit-2 ta' Dicembru 2005, bl-imghax dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Joseph u Maria Theresa konjugi Zarb;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti konjugi Zarb permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in kwantu t-talbiet attrici huma nascenti minn kambjala; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u dejjem in via preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu t-talbiet attrici jikkostitwixxu dejn nascenti minn transazzjoni kummercjali; (iii) bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut minnhom u dan ghal ragunijiet validi fil-Ligi, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u (iv) ma huwiex minnu dak allegat mis-socjetà attrici li l-ammont pretiz ma giex imhallas pendenti r-rizoluzzjoni tal-kawza "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", Citaz. Nru. 1941/97;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet già sollevati, kull debitu li jista' jirrizulta li kien dovut ai termini ta' u nascenti minn skrittura datata 3 ta' Marzu 1995, huwa estint permezz tan-novazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici markati Dok. "A" sa' Dok. "C" permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' April 2007 a fol. 12 sa' 31 tal-process, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Nicholas Borg moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2008[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NB1" u Dok. "NB2" a fol. 44 u 45 tal-process, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Joseph Zammit, Service Manager mas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008[2] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JZ" a fol. 52 tal-process, rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", Citaz. Nru. 1941/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005 esebita mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Novembru 2008, rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Joseph Zammit, Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' April 2009[3], ta' l-10 ta' Gunju 2009[4], tal-11 ta' Ottubru 2010[5], ta' l-10 ta' Mejju 2011[6], tal-11 ta' Ottubru 2011[7] u tat-22 ta' Marzu 2012[8] u rat id-dokument esebit minnu *animo ritirandi* markat Dok. "GV1"[9] u d-dokumenti markati Dok. "GV1" sa' Dok. "GV4" esebiti minnu wkoll a fol. 101 sa' 108 tal-process, rat in-Nota tas-socjetà attrici pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2011 a fol. 93 u 94 tal-process, u rat u kkunsidrat ix-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità dwar it-Trasport, moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009[10] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "BF" a fol. 70 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 121 sa' 125 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenuti a fol. 129 sa' 134 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-bejgh ta' Ghabbour Coach Chassis Nru. 1825471, liema ammont ma kienx gie mhallas pendenti r-risoluzzjoni tal-kawza "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited, Citaz. Nru. 1641/97, deciza

[1] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[2] Fol. 48 sa' 51 tal-process.
[3] Fol. 65 sa' 67 tal-process.
[4] Fol. 72 u 73 tal-process.
[5] Fol. 80 sa' 82 tal-process.
[6] Fol. 89 sa' 91 tal-process.
[7] Fol. 95 u 96 tal-process.
[8] Fol. 109 sa' 117 tal-process.
[9] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010, fol. 79 tal-process.
[10] Fol. 68 u 69 tal-process.

finalment fit-2 ta' Dicembru 2005. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet:(i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in kwantu t-talbiet attrici huma nascenti minn kambjala; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u dejjem in via preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu t-talbiet attrici jikkostitwixxu dejn nascenti minn transazzjoni kummercjali; (iii) bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut minnhom u dan ghal ragunijiet validi fil-Ligi, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u (iv) ma huwiex minnu dak allegat mis-socjetà attrici li l-ammont pretiz ma giex imhallas pendenti r-rizoluzzjoni tal-kawza "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", Citaz. Nru. 1941/97. Permezz ta' Risposta ulterjuri l-konvenuti eccepew ulterjorment illi kull debitu li jista' jirrizulta li kien dovut ai termini ta' u nascenti minn skrittura datata 3 ta' Marzu 1995, huwa estint permezz tan-novazzjoni.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- In forza ta' skrittura privata datata 3 ta' Marzu 1995, il-konvenuti ftehmu mas-socjetà attrici li jakkwistaw Coach b' Chassis No. 1825472 u Engine No. 5115151 ghall-valur komplessiv ta' Lm55,000[11];
- In forza ta' skrittura privata datata 20 ta' Lulju 1995, il-konvenuti effettivament akkwistaw minghand is-socjetà Zammit Automobiles Limited Coach b'Chassis No. 1825472 u Engine No. 5115151 ghall-valur komplessiv ta' Lm55,000[12];
- Permezz ta' fattura datata 6 ta' Lulju 1995, is-socjetà attrici talbet minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm58,535[13] u l-konvenuti hallsu s-somma ta' Lm8,250 u s-somma ta' Lm45,285 fis-17 ta' Lulju 1995 u s-somma ulterjuri ta' Lm3,000 fis-26 ta' Lulju 1995, b'dana li baqa' pendenti bilanc fl-ammont ta' Lm2,000;
- Il-konvenuti però ilmentaw minn diversi nuqqasijiet fil-Coach minnhom akkwistat, liema nuqqasijiet gew elenkati fl-elenku, iffirmat mill-konvenut u minn rapprezentant tas-socjetà attrici, esebit a fol. 14 tal-process;
- In forza ta' skrittura datata 26 ta' Lulju 1995, is-socjetà attrici u l-konvenuti ftehmu li *the balance of Lm2,000 - (say two thousand Maltese Liri only) as per Bill of Exchange attached is to be paid without interest when the complaints raised by Mr. Zarb re Ghabbour Coach Chassis No.1825471; Engine No. 5115150 as per copy of note attached are fully met*[14];
- Il-konvenuti ghaddew biex iffirmaw kambjala in bjank[15];

[11] Fol. 13 tal-process.
[12] Fol. 107 u 108 tal-process.
[13] Lm55,000 + Lm785 ghal reclining seats + Lm8,250 VAT - Lm5,500 deposit già mhallas = Lm58,535.
[14] Fol. 15 tal-process.
[15] Fol. 45 tal-process. L-original gie esebit animo ritirandi waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010 u tinsab fis-Sigrieta tal-Qorti.

- Fl-1997 il-konvenuti istitwew proceduri kontra s-socjetà attrici quddiem il-Prim' Awla Civili fejn talbu li l-Qorti (i) tiddikjara li l-Coach minnhom mixtrija ma hijiex tal-kwalità pattwita; (ii) tidentifika x-xoghlijiet kollha li ghandhom isiru fuq il-Coach biex din tissodisfa r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea u wkoll xoghlijiet ohra mehtiega minhabba xoghlijiet mhux skond is-sengha u l-arti; (iii) tikkundanna lis-socjetà Mira Motor Sales Limited taghmel dawk ix-xoghlijiet kollha identifikati u dana fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-Qorti u fin-nuqqas tawtorizzahom jesegwixxu dawn ix-xoghlijiet huma stess a spejjez tas-socjetà Mira Motor Sales Limited; (iv) tillikwida d-danni sofferti minnhom pendenti l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet fuq il-Coach; u (v) tikkundanna lis-socjetà Mira Motor Sales Limited thallashom id-danni hekk likwidati;
- B'sentenza pronuncjata fis-26 ta' April 2001, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjoni tad-dekadenza sollevata mis-socjetà Mira Motor Sales Limited u b'hekk cahdet it-talbiet attrici[16];
- Is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-2 ta' Dicembru 2005[17];
- Fis-27 ta' Gunju 2006, is-socjetà Mira Motor Sales Limited istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,000.

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-konvenuti jilqaghu ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu t-talbiet tas-socjetà attrici huma nascenti minn kambjala. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li: *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes,* ***jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghlqu***[18]*, u l-azzjonijiet li gejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin mid-data taghhom.* B'hekk il-konvenuti jikkontendi li: (i) l-azzjoni attrici hija bbazata fuq kambjala; (ii) liema kambjala ghalqet u saret dovuta; u (iii) ghaddew iktar minn hames snin minn dakinhar li l-kambjala ghalqet u saret dovuta.

Din l-eccezzjoni tal-konvenuti però ghandha tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-provi prodotti u b'mod partikolari fid-dawl ta' dak dikjarat mis-socjetà attrici waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2007[19] u fid-dawl tax-xhieda ta' Joseph Zammit, Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2011[20].

Waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2007 is-socjetà attrici ddikjarat illi ***t-talba tal-hlas qieghda ssir abbazi ta' ftehim kuntrattwali illi sar bejn il-***

[16] Fol. 181 sa' 192 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[17] Fol. 215 sa' 222 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Fol. 11 tal-process.
[20] Fol. 90 u 91 tal-process.

***partijiet fit-3 ta' Marzu 1995 u fis-26 ta' Lulju 1995***[21] u waqt ix-xhieda li ta fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2011, Joseph Zammit, Direttur tas-socjetà attrici, iddikjara: *qed nigi mistoqsi mill-Qorti nispjega liema wiehed miz-zewg dokumenti qed tigi bbazata l-azzjoni attrici jekk hux fuq dak a fol. 13 tal-process* [ftehim datat 3 ta' Marzu 1995] *jew inkella dak a fol. 15 tal-process* [ftehim datat 26 ta' Lulju 1995] *u nghid li l-**kawza qed tigi bbazata fuq id-dokument a fol. 15 tal-process, jigifieri l-ftehim datat 26 ta' Lulju 1995***[22] *u nghid ukoll illi l-lista li ghadni kif xehedt dwarha a fol. 14 tal-process hija probabilment parti mill-ftehim ta' Lulju 1995.*

Dawn id-dikjarazjzonijiet kjarament jeskludu kwalunkwe possibilità li s-socjetà attrici qed tibbaza l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuti fuq il-kambjala minnha esebita *animo ritirandi* waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010, anzi juru b'mod konkret li l-azzjoni attrici hija azzjoni ghall-hlas ta' dejn kummercjali rizultanti mill-ftehim datat 26 ta' Lulju 1995 u mhux azzjoni kambjarja. Fid-dawl ta' dan ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssib ebda applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Apparte minn hekk jirrizulta b'mod car mill-kambjala stess illi din ma hijiex datata u allura sa meta gew istitwiti l-proceduri odjerni ma jistax jinghad li din kienet ghalqet u saret dovuta, u dan addirittura ben hames snin qabel. Lanqas jista' jitqies li d-data rilevanti ghall-finijiet tal-kambjala kienet id-data ta' l-iskrittura privata tas-26 ta' Lulju 1995 u dan ghar-raguni evidenti li b'dik l-iskrittura giet kostitwita kondizzjoni sospensiva li setghet titqies li sehhet - u b'hekk is-somma ta' Lm2,000, koperta bil-kambjala in bjank iffirmata mill-konvenut, dovuta - una volta li l-ilmenti gew risolti jew, kif ser jigi trattat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, jekk jirrizulta b'mod car li l-grajja li fuqha hija bbazata tali kondizzjoni sospensiva zgur li mhux se tigri jew issehh.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' April 2007[23], is-socjetà attrici esebiet *inter alia* skrittura datata 3 ta' Marzu 1995[24] u skrittura ohra datata 26 ta' Lulju 1995[25], in segwitu indikata mis-socjetà attrici bhala li formanti l-bazi ta' l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuti. In bazi ghal dak stipulat fl-iskrittura datata 26 ta' Lulju 1995, il-konvenuti jikkontendu, u dana permezz ta' eccezzjoni ulterjuri, li kull debitu rizultanti mill-iskrittura datata 3 ta' Marzu 1995 gie estint permezz ta' novazzjoni li sehhet bil-hrug ta' kambjala, li l-pagament taghha gie regolat bl-iskrittura datata 26 ta' Lulju 1995[26]. Fin-Nota Responsiva taghhom il-

[21] Enfasi tal-Qorti.
[22] Enfasi tal-Qorti.
[23] Fol. 12 tal-process.
[24] Fol. 13 tal-process.
[25] Fol. 15 tal-process.
[26] Rikors in gustifikazzjoni tar-Risposta Ulterjuri.

konvenuti jikkontendu ulterjorment illi *kull obbligazzjoni nascenti mill-iskrittura tas-26 ta' Lulju 1995 giet estinta bin-novazzjoni meta fl-istess jum giet migbuda kambjala ghall-ammont pretiz mill-kumpannija attrici*[27].

Il-Qorti tibda billi tosserva li f'materja ta' kambjali huwa principju guridiku assodat li: *meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri ta' l-obbligazzjoni (cioè ma tigix girata) ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. ... hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur 'on the face of it' u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess.* ***Kambjala, kif inhu maghrufa ma tohloqx novazzjoni meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali***[28].

Fid-dawl ta' dan il-principju ghalhekk hija zbaljata s-sottomissjoni tal-konvenuti li *kull obbligazzjoni nascenti mill-iskrittura tas-26 ta' Lulju 1995 giet estinta bin-novazzjoni meta fl-istess jum giet migbuda kambjala ghall-ammont pretiz mill-kumpannija attrici.*

Apparte minn hekk, u kif già iktar 'l fuq osservat, is-socjetà attrici kjarament tiddikjara li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 esebita a fol. 15 tal-process u ghaldaqstant dak li ghandu jigi ikkunsidrat huwa jekk bl-iskrittura datata 26 ta' Lulju 1995 sehhitx novazzjoni ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-iskrittura datata 3 ta' Marzu 1995.

Bhala fatt mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenuti akkwistaw il-Coach taghhom f'Lulju 1995 u dana kif jirrizulta anke mill-Att ta' Citazzjoni fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited" bin-Numru 1941/97 fejn appuntu l-konvenuti odjerni, atturi f'dawk il-proceduri, iddikjaraw li *f'Lulju tas-sena 1995, Joseph Zarb u Maria Theresa Zarb xtraw minghand Mira Motor Sales Limited Scania coach ghall-prezz ta' Lm55,000 u dana taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li l-istess coach kellha tkun skond ir-regolamenti mahruga mill-Komunità Ewropeja*[29]. Dana l-fatt, ossia li l-Coach in kwistjoni gie akkwistat f'Lulju 1995, jaghti kredibilità lill-affermazzjoni tas-socjetà attrici, tramite d-diversi xhieda prodotti minnha, li l-iskrittura privata datata 3 ta' Marzu 1995 kienet biss weghda ta' bejgh relattiva ghall-Coach eventwalment akkwistat mill-konvenuti. Ghalhekk strettament jrid jigi ikkunsidrat jekk bl-iskrittura privata datat 26 ta' Lulju 1995 sehhitx novazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet rizultanti mill-kuntratt ta' trasferiment datat 20 ta' Lulju 1995, esebit a fol. 107 u 108 tal-process.

A tenur ta' l-Artikolu 1179 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *hemm novazzjoni - (a) meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed*

[27] Fol. 132 tal-process.
[28] John Giordmaina et v. Joseph Pace et, Citaz. Nru. 3391/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2006. Enfasi ta' din il-Qorti.
[29] Fol. 1 a tergo tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.

*flok il-qadim, illi jispicca; (b) meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur; (c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus.*

Meta l-ftehim datat 20 ta' Lulju 1995 u l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-provvediment tal-Ligi ghandu jirrizulta b'mod car u konklussiv li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti, fil-kaz in ezami ma sehhet l-ebda novazzjoni.

Jekk wiehed kellu jikkonsidra l-kaz in ezami taht dak provdut fl-Artikolu 1179(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *hemm novazzjoni meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dana jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca*, jirrizulta immedjatament evidenti li bejn il-partijiet kontendenti ma nholoq l-ebda dejn gdid. Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici, liema provi ma gewx sodisfacentement kontradetti mill-konvenuti, jirrizulta li l-istess konvenuti hallsu l-import kollu relattiv ghall-akkwist tal-Coach akkwistat minnhom ghajr ghall-ahhar Lm2,000 li ma thallsux minhabba ilmenti li l-konvenuti kellhom fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-istess Coach. L-iskrittura datata 26 ta' Lulju 1995 effettivament ma taghmel xejn ghajr li tikkristalliza din is-sitwazzjoni u tissosspendi il-jeddijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet kontraenti fir-rigward tal-hlas ta' tali bilanc ta' Lm2,000 sakemm jigu risolti l-ilmenti tal-konvenuti. Huwa evidenti li ma hemmx l-intenzjoni - ta' ebda wahda mill-partijiet involuti fil-bejgh tal-Coach - li jinholoq dejn gdid u li l-dejn il-qadim jispicca.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ftehim tal-bejgh effettiv tal-Coach, ossia l-ftehim datat 20 ta' Lulju 1995[30], gie ffirmat bejn is-socjetà Zammit Automobiles Limited u il-konvenuti, filwaqt li l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 giet iffirmata bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti. Trattata l-kwistjoni in ezami minn din l-ottika partikolari, irid jigi kkunsidrat jekk sehhitx novazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1179(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li: *hemm novazzjoni - (c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus.*

Fil-fehma tal-Qorti, lanqas meta l-kwistjoni tigi kkunsidrata minn dan l-aspett partikolari ma jista' jinghad li fil-kaz in ezami sehhet novazzjoni kif allegat mill-konvenuti.

Joseph Zammit, Direttur tas-socjetà attrici, iddikjara li s-socjetà attrici u is-socjetà Zammit Automobiles Limited huma zewg kumpanniji fl-istess group u li l-Coach akkwistata mill-konvenuti, flimkien ma' numru ta' coaches ohra, gew importati mis-socjetà attrici izda mibjugha mis-socjetà Zammit Automobiles Limited u li l-hlasijiet relattivi kienu jidhlu ghand is-socjetà attrici. Iddikjara wkoll li dan kien arrangament intern tas-socjetajiet bejniethom[31]. Il-Qorti ma tara xejn anomalu f'dan il-kwadru tal-fatti specjalment meta qed nitkellmu fuq

[30] Fol. 107 u 108 tal-process.
[31] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, fol. 109 sa' 117 tal-process.

kumpanniji li jiffurmaw parti mill-istess *group of companies*. In verità lanqas il-konvenuti qatt ma kkontestaw l-involviment mill-lat finanzjarju u ta' hlasijiet tas-socjetà Mira Motor Sales Limited fil-kuntest ta' l-akkwist tal-Coach, anzi meta xehed quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kors tal-proceduri fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", il-konvenut odjern Joseph Zarb iddikjara li c-cheques li huwa hareg verso l-hlas tal-prezz tal-Coach dejjem inhargu f'isem is-socjetà Mira Motor Sales Limited u c-cheques hekk kif mahruga ssarfu[32].

B'hekk ghalkemm l-iskrittura privata tas-26 ta' Lulju 1995 giet iffirmata bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti, minn imkien ma jirrizulta li dan sehh bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida u li s-socjetà attrici hija kreditur gdid li tqieghdet hemm flok xi kreditur qadim. Jigi ribadit li ghalkemm fuq il-ftehim ta' l-akkwist tal-Coach tidher is-socjetà Zammit Automobiles, il-fattura ghall-hlas ta' l-import ta' l-istess Coach inharget mis-socjetà Mira Motor Sales Limited, ossia s-socjetà attrici, u l-hlasijiet relattivi saru in segwitu ghal u a bazi ta' dik l-istess invoice hekk mahruga minn Mira Motor Sales Limited.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Fir-Risposta taghhom il-konvenuti eccipew ukoll illi ebda ammont ma huwa minnhom dovut lis-socjetà attrici. Min-Nota Responsiva taghhom jirrizulta li din l-eccezzjoni hija bbazata fuq is-segwenti fatti w osservazzjonijiet:

- **Huma ma akkwistaw l-ebda vettura minghand is-socjetà attrici stante li mill-provi prodotti jirrizulta li l-Coach gie akkwistat minghand Zammit Automobiles Limited**[33].

  Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni u konsegwenti pretensjoni tal-konvenuti ma jregux u dana ghar-raguni li ghalkemm il-Coach akkwistat mill-konvenuti gie mibjugh lilhom mis-socjetà Zammit Automobiles Limited kif jirrizulta mill-ftehim datat 20 ta' Lulju 1995[34], l-azzjoni odjerna istitwita mis-socjetà attrici hija ibbazata fuq l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 iffirmata mill-konvenuti - firem dawn li ma gew bl-ebda mod kontestati jew kontradetti mill-istess konvenuti anzi meta xehed quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kors tal-proceduri fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", il-konvenut odjern Joseph Zarb gharaf il-firem tieghu u ta' martu rrikonoxxa w ammetta li huma ffirmaw dak il-ftehim - fejn appuntu gie premess u miftiehem bejn **is-socjetà attrici u l-konvenuti** li *the balance of Lm2,000 (say two thousand Malta Liri only) as per Bill of Exchange*

[32] Vide xhieda ta' Joseph Zarb moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 1998, fol. 82 sa' 84 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[33] Nota Responsiva tal-konvenuti, fol. 130 tal-process.
[34] Fol. 107 tal-process.

*attached is to be paid without interest when the complaints raised by Mr. Zarb re Ghabbour Coach Chassis No. 1825471; Engine No. 5115150 as per copy of note attached are fully met.* Apparte minn hekk u kif già iktar 'l fuq osservat, il-fattura ghall-hlas ta' l-import tal-Coach in kwistjoni datata 6 ta' Lulju 1995 inharget mis-socjetà attrici u bazi ta' u in segwitu ghal dik il-fattura l-konvenuti ghaddew biex ihallsu lill-istess socjetà attrici l-import minnhom dovut hlief ghal dan il-bilanc ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, li appuntu jifforma l-mertu ta' dawn il-proceduri.

- **Huma ma akkwistaw l-ebda vettura u/jew coach, la minghand is-socjetà attrici u lanqas minghand Zammit Automobiles Limited, li ghandha Chassis number 1825471 u Engine number 5115150**[35].

Il-Qorti hawn ukoll tqis li s-sottomissjoni u konsegwenti pretensjoni tal-konvenuti ma jistghux jigu milqugha.

Ghalkemm huma fatti inkontestat li: (a) fir-Rikors promotur is-socjetà attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, dovut fuq il-bejgh ta' Ghabbour Coach Chassis Nru. 1825471; (b) l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 u l-elenku ta' nuqqasijiet anness maghha jaghmlu referenza ghall-coach b' Chassis No. 1825471 u Engine No. 5115150; izda (c) il-Coach akkwistat mill-konvenuti ghandu Chassis No. 1825472 u Engine No. 5115151, mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti ukoll mhux kontestati: (a) is-socjetà attrici kienet importat numru ta' Ghabbour Coaches, fosthom il-Coach b'Chassis No. 1825472 u Engine No. 5115151 akkwistat mill-konvenuti u Coach b'Chassis No. 1825471 u Engine No. 5115150 akkwistat minn certu Angelo Zammit u sussegwentement trasferit lil certu Nazzareno Abela; (b) il-konvenuti akkwistaw il-Coach b'Chassis No. 1825472 u Engine No. 5115151 ghall-valur komplessiv, inkluza l-VAT, ta' Lm64,035; (c) huma effettwaw diversi hlasijiet versu l-prezz ta' dan il-Coach fuq interpellazzjoni tas-socjetà attrici konsistenti f'fattura datata 6 ta' Lulju 1995, hlief ghall-bilanc ta' Lm2,000, liema ammont ma thallasx minhabba diversi ilmenti li l-konvenuti ghandhom dwar nuqqasijiet fl-istess Coach; u (c) l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 mas-socjetà attrici giet miftiehma w iffirmata mill-konvenuti b'referenza ghall-ilmenti dwar in-nuqqasijiet minnhom ravvizati fl-istess imsemmi Coach u kienet l-intenzjoni esplicita tal-partijiet kontraenti, ossia s-socjetà Mira Motor Sales Limited u l-konvenuti, li b'dik l-iskrittura u dak il-ftehim jindirizzaw il-vertenza ta' bejniethom rigward il-hlas tal-bilanc dovut u l-ilmenti li l-konvenuti ghandhom fir-rigward tal-Coach akkwistat minnhom.

Dawn il-fatti kollha jwasslu ghall-applikazzjoni tal-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li: *jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi "fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati*

[35] Nota Responsiva tal-konvenuti, fol. 130 u 131 tal-process.

*(Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni" . Dan hu hekk logiku gialadarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap.12 riferibilment ghac-citazzjoni, li di solitu hi riservata ghal proceduri fil-qrati superjuri, fil-kaz tal-qrati l-ohra fuq imsemmija fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni ossija l-avviz jibbasta li jikkontjeni fih oltre l-firma tar-Registratur "l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jun u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher" ... Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bilwisq evidenti illi "il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz"[36].*

Fid-dawl ta' tali principju ghalhekk, ghad illi l-kawzali dedotta fir-Rikors promotur hija refiribilment ghall-Ghabbour Coach b'Chassis Nru. 1825471 filwaqt li l-konvenuti akkwistaw Ghabbour Coach b'Chassis Nru. 1825472, il-Qorti xorta wahda tista' tghaddi biex tikkonsidra t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti, ossia t-talba ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,000 relattivament ghall-Coach minnhom effettivament akkwistat, in kwantu mill-provi prodotti kjarament jirrizulta jedd tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuti fir-rigward ta' tali bilanc ta' Lm2,000.

- **Kwalunkwe obbligazzjoni nascenti mill-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 hija sospiza b'effett tad-dikjarazzjoni fl-istess skrittura li s-somma ta' Lm2,000 *"is to be paid without interest when the complaints raised by Mr. Zarb ... as per copy of note attached are fully met"***[37].

Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 1052 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-obbligazzjoni hija kondizzjonali meta tkun maghmula li tiddependi minn grajja mhux zgura u li ghad trid tigri, sew billi l-obbligazzjoni tinzamm sospiza sakemm il-grajja tigri, kemm billi tigi mahlula kemm-il darba l-grajja tigri jew ma tigrix.* L-Artikolu 1058 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Meta l-obbligazzjoni ssir taht il-kondizzjoni li ghandha tigri grajja f'certu zmien, dik il-kondizzjoni titqies li ma sehhitx jekk jaghlaq iz-zmien minghajr ma l-grajja grat. (2) Jekk ma jkunx hemm zmien stabbilit, il-kondizzjoni ma titqiesx li ma sehhitx hlief meta hu zgur li l-grajja ma tigrix: Izda, jekk il-kondizzjoni tkun tikkonsisti f'xi haga li tista' tigi maghmula minn dak li favur tieghu l-obbligazzjoni tkun saret, il-qorti tista', skond ic-cirkostanzi, taghti zmien ghall-esekuzzjoni tal-kondizzjoni, u jekk, meta jaghlaq dak iz-zmien, il-kondizzjoni ma tkunx sehhet, l-obbligazzjoni tispicca* u l-Artikolu 1063 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Il-kondizzjoni*

---

[36] Anthony Farrugia v. Anthony Vella, Appell Civili Nru. 860/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002.
[37] Nota Responsiva tal-konvenuti, fol. 131 tal-process.

*sospensiva hija dik illi taghmel l-ezistenza ta' l-obbligazzjoni tiddependi minn grajja li ghad trid tigri u li mhix zgura. (2) L-obbligazzjoni taht kondizzjoni sospensiva ma tezistix qabel ma' l-grajja tigri.*

Fir-rigward tal-kondizzjoni sospensiva u b'referenza ghall-Artikoli appena citati mill-Kodici Civili, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **N.I.B. Company Limited et v. Joseph Bugeja et, Appell Civili 2346/96** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Settembru 2010, fejn dik il-Qorti osservat: *issa, l-awturi Torrente u Schlesiger fil-kummentarju taghhom dwar id-Dritt Privat jidentifikaw zewg waqtiet fil-hajja ta' negozju kkundizzjonat: "In un negozio condizionato si debbono distinguere due momenti: 1) pendenza della condizione (condicio pendet), l'avvenimento non si è ancora verificato, ma può ancora verificarsi: perdura, quindi, la situazione d'incertezza; 2) avveramento o mancanza della condizione, l'incertezza è eliminata: l'avvenimento si è avverato o certo che non può più verificare".*

Fid-dawl ta' dawn il-principji guridici, il-Qorti hija tal-fehma li ladarba fl-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 is-socjetà attrici u l-konvenuti ma ftehmux terminu entro liema l-ilmenti dwar in-nuqqasijiet ravvizati mill-konvenuti fil-Coach akkwistata minnhom kellhom jigu risolti, il-kondizzjoni sospensiva nascenti minn dik l-iskrittura tista' titqies li sehhet, u b'hekk is-socjetà attrici ghandha dritt titlob il-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,000 minghand il-konvenuti, biss jew jekk jirrizulta li l-grajja marbuta ma' l-obbligazzjoni, ossia r-risoluzzjoni ta' l-ilmenti, sehhet jew jekk hu zgur li dik il-grajja mhux ser issehh. Fil-fehma tal-Qorti, fil-kaz in ezami hija t-tieni wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet li tissussisti, u cioè li l-kondizzjoni sospensiva stipulata fl-iskrittura privata datat 26 ta' Lulju 1995 ma ghadhiex in vigore ghaliex huwa cert li l-grajja li maghha kienet marbuta dik il-kondizzjoni, ossia r-risoluzzjoni ta' l-ilmenti tal-konvenuti, ma tistax issehh. Din l-osservazzjoni tal-Qorti tirrizulta mill-ezitu tal-proceduri fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited", Citaz. Nru. 1941/97, decizi b'mod definittiv mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-2 ta' Dicembru 2005.

B'dawk il-proceduri, istitwiti fit-2 ta' Settembru 1997, il-konvenuti odjerni talbu li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili: (i) tiddikjara li l-Coach minnhom mixtrija ma hijiex tal-kwalità pattwita; (ii) tidentifika ix-xoghlijiet kollha li ghandhom isiru fuq il-Coach biex din tissodisfa r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea u wkoll xoghlijiet ohra mehtiega minhabba xoghlijiet mhux skond is-sengha u l-arti; (iii) tikkundanna lis-socjetà Mira Motor Sales Limited taghmel dawk ix-xoghlijiet kollha identifikati u dana fi zmien qasir u perentorju iffissat mill-Qorti u fin-nuqqas tawtorizzahom jesegwixxu dawn ix-xoghlijiet huma stess a spejjez tas-socjetà Mira Motor Sales Limited; (iv) tillikwida d-danni sofferti minnhom pendenti l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet fuq il-Coach; u (v) tikkundanna lis-socjetà Mira Motor Sales Limited thallashom id-danni hekk likwidati. Ix-xoghlijiet mertu ta' dawk il-proceduri huma l-istess xoghlijiet mehtiega biex jigu indirizzati l-ilmenti li kellhom il-konvenuti u li kienu jiffurmaw is-suggett ta' l-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995, hekk kif

dikjarat minn Joseph Zammit fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 1998[38], liema dikjarazzjoni ma giet bl-ebda mod kontradetta jew imxejna mill-konvenuti, la f'dawk il-proceduri u lanqas fil-proceduri odjerni.

It-talbiet tal-konvenuti però gew michuda mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' April 2001[39] in kwantu l-azzjoni minnhom proposta giet istitwita wara li skada t-terminu perentorju ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 1407 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sentenza tal-Qorti ta' Prim' Istanza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-2 ta' Dicembru 2005[40]. Mill-imsemmija decizjonijiet jirrizulta b'mod car li una volta li t-terminu perentorju koncess ghall-azzjoni da parte tal-kompratur jiskadi inutilment, huwa ma jistax jissolleva l-lanjanzi/ilmenti tieghu versu l-venditur, la per via d'azione u lanqas per via d'eccezzione.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dan ifisser li l-konvenuti ormai ma jistghux jibqghu jressqu l-ilmenti taghhom fir-rigward tal-Coach akkwistata minnhom bhala raguni biex ma jithallasx il-bilanc dovut ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, u konsegwentement ghalhekk ma jistax jitqies li l-kondizzjoni sospensiva stipulata fl-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 ghadha fis-sehh u ghad ghandha effett u validità fil-Ligi. B'hekk jirrizulta li illum, in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited" Appell Civili Nru. 1941/97 deciza fit-2 ta' Dicembru 2005, is-socjetà attrici ghandha kull dritt tesigi minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75.

- **L-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**[41].

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat dwar il-kondizzjoni sospensiva stipulata fl-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995, ampjament jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ladarba l-kondizzjoni stipulata fl-iskrittura privata datata 26 ta' Lulju 1995 hija kondizzjoni sospensiva, japplika dak provdut fl-Artikolu 2125(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li: *il-preskrizzjoni hija wkoll sospiza (a) kwantu ghall-jeddijiet kondizzjonali, sakemm il-kondizzjoni ma ssehhx*. Dan ifisser ghalhekk li fil-kaz in ezami, sa dakinhar li rrizulta li l-grajja li maghha kienet marbuta l-kondizzjoni sospensiva ma kenitx ser issehh - ossia sad-data tas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Zarb et v. Mira Motor Sales Limited" Appell Civili Nru. 1941/97 pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005 - kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in ezami ma kienx

[38] Fol. 78 sa' 80 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[39] Fol. 181 sa' 192 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[40] Fol. 215 sa' 222 tal-process bic-Citaz. Nru. 1941/97.
[41] Fol. 131 u 132 tan-Nota Responsiva tal-konvenuti.

qed jiddekorri. Dan it-terminu beda jiddekorri biss minn dakinhar ta' l-imsemmija sentenza, ossia mit-2 ta' Dicembru 2005. Ladarba l-proceduri odjerni gew istitwiti fis-27 ta' Gunju 2006 u notifikati lill-entrambe l-konvenuti fil-15 ta' Lulju 2006, jirrizulta b'mod car li l-istess gew istitwiti entro t-terminu ta' hames snin prefiss fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet, bil-konsegwenza ghalhekk li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, inkluza l-eccezzjoni ulterjuri, ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha, filwaqt li t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti tirrizulta gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevati mill-kovenuti;
2. Tichad ukoll l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti fir-Risposta Ulterjuri taghhom;
3. Tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-konvenuti fir-Risposta originali taghhom; u
4. Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' €4,658.75, bl-imghax legali dekoribbli mill-15 ta' Lulju 2006, id-data tan-notifika ta' entrambe l-konvenuti bir-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-kovenuti, in solidum bejniethom.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**